**26 ta' Ġunju 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. V.R. Sammut B.A., LL.D.**

Antonio Gafa

*versus*

Antonio Borg

**Permuta — skrittura — nullità — Motor-car — motor-cycle — Art 4 (3) tal-Att No. XVIII tal-1951.**

*Negozju ta' motor cycle li ma jsirx bil-miktub ikun null u ineżistenti "ipso jure" u ma jistax iservi bħala titolu ta' azzjoni f'kawża.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u meħudin il-provvedimenti kollha opportuni, premess illi l-attur għamel permuta mal-konvenut tal-mutur tiegħu 10942 mal-mutur tal-konvenut, 29861, biż-żieda ta' għoxrin lira (£20) li l-attur kellu iħallsu mal-mutur tiegħu; u premess illi wara li sar il-ftehim u kull wieħed ħa l-mutur li kien bidel il-konvenut ried jinħall minn dan il-kuntratt, u premess illi skond il-ftehim l-għada l-konvenut kellu jagħtih it-transfer għall-finijiet tal-liġi tal-boll, u l-liċenzji u l-lattur kellu jagħtih l-għoxrin lira fuq imsemmija in ekwiparazzjoni, u premess illi l-konvenut naqas li jagħmel l-imsemmi transfer tal-motorcycle li bidel ma' l-attur numru 29861, talab illi l-konvenut għar-raġunijiet premessi jiġi kundannat illi jagħmel l-imsemmi transfer fiż-żmien li tipprefiġġilu l-Qorti, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali.

OMISSIS:

Ikkunsidrat:—

Illi l-permuta in kwistjoni saret mingħajr skrittura.

L-art. 4(3) ta' l-Att No. XVII tal-1951 li emenda li Stamp Duties Ordinance (Kap. 68) estenda d-disposizzjonijiet ta' l-art. 57(1) ta' l-Ordinanza, li jirrikjedi boll fuq ċerti attijiet ta' trasferiment jew assenjazzjoni b'bejgħ jew b'titolu ieħor, anki għal kwalunkwe dokument li bih jiġi trasferit "any motor-car as defined in the Traffic Regulation Ordinance (Chapter 105) whether with or without the relative licence,

or such licence only".

Id-definizzjoni ta' "motor-car" fil-Kap. 105 tinkludi "any vehicle propelled by mechanical power" u għalhekk tikkompredi "motor-cycles".

L-Art. 5 ta' l-*imsemmi* Att tal-1951 japplika għan-negozji kontemplati fl-Art. 4(3) *ta'* l-istess Att, u għalhekk għal kull trasferiment ta' motor-cycles', id-disposizzjonijiet, "mutatis mutandis" ta' l-Art. 60 ta' li Stamp Duties Ordinance.

Dan l-Artiklu jirrikjedi: (1) illi kull bejgħ jew kuntratt ieħor jew negozjazzjoni magħmul skond l-użijiet tal-kummerċ jew tal-borża, ta' *valuri, azzjonijiet* jew ċertifikati msemmija fl-artikolu ta' qabel, meta eżegwiti f'Malta, għandu jsir bil-miktub u (2) illi fin-nuqqas ta' din il-formalità dan il-bejgħ, kuntratt jew negozjazzjoni *ma* jkunx jiswa bħala titolu ta' azzjoni f'kawża, u lanqas jista' *jinġieb* bħala prova f'ebda proċedura, jekk ma jkunx imbulfat kif imiss skond il-liġi.

Għalhekk il-permuta in kwistjoni la ma hijiex magħmula bil-miktub, hija nulla u ineżistenti "ipso jure" u ma tistax tiswa bħala titolu ta' azzjoni f'kawża. (Ara: Kollez. Vol. XL p. 583: App. 7.12.1956 *Harry Falzon pro et noe vs* Carmelo Tanti).

Konsegwentement il-Qorti ma hija sejra tagħmel ebda indaġini dwar il-pattijiet u *kondizzjonijiet* taħt liema ġiet diskussa jew negozjata l-permuta.

Għaldaqstant:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullità sollevata mill-konvenut u billi *tiċħad it-talba* tal-attur. Minħabba illi l-kontendenti t-tnejn ikkontribwew għan-nuqqas tal-formalita rikjesta mill-liġi, hemm lok għal temperament bl-ispejjeż, li għandhom jibqgħu bla taxxa, dritt ta' reġistru għall-attur.